MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 640/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Claire Demanuele**
**I.D.509673(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erba' mija sitta u sebghin Ewro u sitt centezma (€476.06) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' internet rezi mis-socjeta' attrici lill-konventa.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interess mid-data minn meta l-

ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija sitta u sebghin Ewro u sitt centezmi (€476.06), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' internet rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data minn meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------